

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

17.12.2008

B6-0630/2008 }
B6-0632/2008 }
B6-0636/2008 }
B6-0641/2008 }
B6-0645/2008 }
B6-0646/2008 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Tunne Kelam, Bernd Posselt, Zbigniew Zaleski, Tadeusz Zwiefka, Michael Gahler, Edward McMillan-Scott, Eija-Riitta Korhola, Charles Tannock u Christopher Beazley, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Pasqualina Napolitano, Jan Marinus Wiersma, Hannes Swoboda, Kristian Vigenin u Józef Pinior, f'isem il-Grupp PSE
- Toomas Savi, Marco Cappato, Marios Matsakis, Henrik Lax, Jeanine Hennis-Plasschaert, Marielle De Sarnez u Janusz Onyszkiewicz, f'isem il-Grupp ALDE
- Bart Staes, Hélène Flautre, Rebecca Harms, Milan Horáček u Marie Anne Isler Béguin, f'isem il-Grupp Verts/ALE
- Ryszard Czarnecki, Inese Vaidere, Ģirts Valdis Kristovskis, Guntars Krasts, Roberts Zīle, Hanna Foltyn-Kubicka, Ewa Tomaszewska u Adam Bielan, f'isem il-Grupp UEN
- Vittorio Agnoletto, f'isem il-Grupp GUE/NGL
- Kathy Sinnott, f'isem il-Grupp IND/DEM

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- ALDE (B6-0630/2008)
- PSE (B6-0632/2008)
- GUE/NGL (B6-0636/2008)
- Verts/ALE (B6-0641/2008)
- PPE-DE (B6-0645/2008)

RC\759705MT.doc

PE416.118v01-00}
PE416.120v01-00}
PE416.124v01-00}
PE416.129v01-00}
PE416.133v01-00}
PE416.134v01-00} RC1

– UEN (B6-0646/2008)

dwar l-attakki fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja u l-ġuri tal-qtil ta' Anna Politkovskaya

RC\759705MT.doc

PE416.118v01-00}
PE416.120v01-00}
PE416.124v01-00}
PE416.129v01-00}
PE416.133v01-00}
PE416.134v01-00} RC1

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-attakki fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja u l-ġuri tal-qtil ta' Anna Politkovskaya

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti dwar ir-Russja, u b'mod partikulari dik tal-25 ta' Ottubru 2006 dwar il-qtil tal-ġurnalista Russa Anna Politkovskaya¹, dik tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja f'Khanty-Mansiysk fis 26 us-27 ta' Ġunju 2008²,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa, li daħlet fis-seħħ fl-1997 u li ġiet estiża sakemm ftehim oħra teħdilha postha,
 - wara li kkunsidra n-negozjati attwali għal ftehim ġdida li tipprovdi qafas komprensiv ġdid għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, u t-tnedija mill-ġdid ta' dawn in-negozjati waqt l-aħħar Samit bejn l-UE u r-Russja f'Novembru 2008,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar it-tfittxija domiciliari tas-sede tal-organizzazzjoni *Memorial* f'St Petersburg fl-4 ta' Diċembru 2008,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-2008 tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-Russja hija stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) li kkommetta ruħu li josserva bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u taċ-ċittadini,
- B. billi hemm tħassib serju fuq il-qagħda tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u wkoll dwar id-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom l-NGOs li huma attivi fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem,
- C. billi bosta lmenti ta' ċittadini Russi ġew indirizzati lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strażburgu, li fis-sentenzi tagħha ssostanzjat li hemm ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem f'għadd ta' każijiet, kif ukoll każijiet ta' arbitrarjetà mill-awtoritajiet tal-istat Russi,
- D. billi fit-28 ta' Ottubru, Otto Messmer, il-provinċjal tal-Ordni tal-Ġiżwiti fir-Russja u Victor Betancourt, qassis mill-Ekwador, inqatlu b'mod brutali fl-appartament tagħhom f'Moska,
- E. billi avukat tad-drittijiet tal-bniedem prominenti Russa, Karinna Moskalenko, li rrappreżentat b'suċċess il-każijiet ta' 30 ċittadin Russu fil-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strażburgu, sfat vittma ta' attentat ta' avvelenament bil-merkurju li tqiegħed fil-karozza

¹ ĠU C 313 E, 20.12.2006, p. 271.

² Testi adottati, P6_TA(2008)0309.

tagħha fi Strażburgu,

- F. billi fil-31 ta' Awissu 2008, is-sid ta' websajt indipendenti bl-Ingush, Magomed Evloyev, inqatel waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija,
- G. billi bosta attentati fuq il-ħajja ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom fuq il-kap tal-oppożizzjoni Ingush, Akhmed Kotiev, id-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Zurab Tsechoev mill-Ingushezja, l-attivista tad-drittijiet tal-bniedem Dmitrii Kraiukhin mill-belt ta' Orel, u l-attivista tad-drittijiet tal-bniedem Stanislav Dmitrievski minn Nizhni Novgorod, ġew irreġistrati bejn Lulju u Ottubru 2008,
- H. billi fl-4 ta' Diċembru 2008, l-uffiċċji f'St. Petersburg taċ-Ċentru tar-Riċerka u l-Infurmazzjoni *Memorial*, li għal 20 sena għamel riċerka dwar ir-ripressjoni fi żmien Stalin fl-Unjoni Sovjetika, ġew attakkati minn irġiel mgħammda mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali Russu; billi waqt l-attakk, ittieħdu l-*hard drives* u s-CDs li kien fihom il-bażi tad-data kollha dwar eluf ta' vittmi; billi ma jeżisti l-ebda inventarju tad-dokumentazzjoni kkonfiskata; billi l-avukati tal-*Memorial* ġew miżmuma milli jidħlu fis-sede;
- I. billi l-istħarriġ kriminali u l-ġuri wara l-qtil tal-ġurnalista Anna Politkovskaya jgajmu tħassib serju dwar it-trasparenza u l-osservanza tal-istat tad-dritt; billi dan il-qtil brutali għadu ma ġiex mistħarreġ u solvut għal kollox b'mod sodisfaċenti,
- J. billi l-awtoritajiet Russi għad mhumiex jikkoperaw fl-istħarriġ tal-qtil ta' Aleksander Litvinenko f'Londra permezz ta' avvelenament bil-polonju radjuattiv,
- K. billi l-brutalità tal-pulizija rażżnet dimostrarazzjoni ta' protesta kontra l-Kremlin organizzata mill-grupp tal-oppożizzjoni "Russja Oħra" ta' Garry Kasparov fl-14 ta' Diċembru 2008 f'Moska, billi d-dimostranti nħatfu u ġew imkaxkra fi trakkijiet; billi madwar 100 dimostrand ġew arrestati,
- L. billi fit-3 ta' Diċembru 2008, 17-il grupp Russu tad-drittijiet tal-bniedem stiednu lill-UE fi Vjenna biex is-sehem tal-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem mhux biss ikompli jissaħħaħ b'urġenza imma wkoll biex jitressqu l-aktar każijiet urġenti fil-laqgħat tas-Samit bejn l-UE u r-Russja;
- 1. Jesprimi l-kundanna qawwija għall-attakki fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, fosthom avukati li qegħdin jirrappreżentaw id-drittijiet taċ-ċittadini, u jistieden lill-awtoritajiet Russi fil-livelli kollha biex iħarsu u jiggwarantixxu l-integrità fiżika tagħhom;
- 2. Jiġbed l-attenzjoni li d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija għandhom jibqgħu kwistjonijiet ta' importanza kbira biex ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja jkomplu jżviluppaw; jišhaq fuq l-importanza tal-iskambju kontinwu ta' fehmiet fuq id-drittijiet tal-bniedem mar-Russja bħala parti mill-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u r-Russja, u jitlob għal titjib fil-format ta' dawn il-laqgħat biex il-ministeri, il-ġudikatura u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili Russa jkun jistgħu jagħtu sehemhom;

RC\759705MT.doc

PE416.118v01-00}
PE416.120v01-00}
PE416.124v01-00}
PE416.129v01-00}
PE416.133v01-00}
PE416.134v01-00} RC1

3. Hu tal fehma li l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt għandu jkollha sehem integrali fil-ftehma ta' qafas ġdida li qiegħda tiġi negozjata bħalissa;
4. Jistieden lill-awtoritajiet Russi biex jikkonformaw mas-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jirratifikaw il-protokoll dwar ir-riforma tal-qorti mingħajr dewmien; iħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa biex tirratifika wkoll il-Protokoll Addizzjonali Nru 14 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
5. Jikkundanna t-tfittxija tal-uffiċċji tal-organizzazzjoni *Memorial* f'St. Petersburg fl-4 ta' Diċembru 2008; jitlob lill-awtoritajiet Russi u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' St. Petersburg biex iroddu bla dewmien liċ-Ċentru tar-Riċerka u l-Infommazzjoni *Memorial* ħdax-il *hard drive* u CD li ttieħdu miċ-Ċentru waqt rejd tal-pulizija fit-3 ta' Diċembru 2008 u li fihom data imprezzabbli dwar aktar minn 50,000 vittma tar-ripressjoni tal-era Stalinista;
6. Jiġbed l-attenzjoni għax-xejriet ta' ksenofobija u omofobija li qegħdin jikbru u li wasslu biex aktar minn 100 ruħ inqatlu fl-2008 minħabba r-razza, in-nazzjonalità, ir-reliġjon u l-orjentament sesswali tagħhom, skont il-Bureau ta' Moska għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll talli ma saritx kundanna qawwija min-naħa tal-awtoritajiet Russi għal delitti ta' mibegħda bħal dawn;
7. Jinnota bi tħassib l-aħħar mossi biex jiġi riabilitat ir-reġim ta' Stalin u jenfasizza li kultura demokratika vera tista' tiġi stabilita fir-Russja biss jekk il-passat traġiku jiġi aċċettat;
8. Hu allarmat bl-attentat li sar f'Ottubru fuq il-ħajja tal-avukat tad-drittijiet tal-bniedem Karinna Moskalenko u l-familja tagħha, u jappella kemm lill-awtoritajiet Franċiżi kif ukoll lil dawk Russi sabiex jiġu identifikati l-awturi tad-delitt u l-motivi tagħhom;
9. Hu konvint li l-attivitajiet tal-avukati tad-drittijiet tal-bniedem li qegħdin jaġixxu fil-każijiet ta' abbużi allegati tad-drittijiet tal-bniedem, li qegħdin jieħdu sogri personali kbar biex ikomplu bil-missjoni tagħhom, għandu jingħatalhom l-ogħla rispett u jiġu mħarsa mill-istat u appoġġjati mill-komunità internazzjonali;
10. Jibqa' mħasseb sew bil-leġiżlazzjoni dwar l-estremiżmu, li tista' tħalli effett fuq il-mogħdija ħielsa ta' informazzjoni u tista' twassal sabiex l-awtoritajiet Russi jillimitaw aktar id-dritt tal-espressjoni ħielsa tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
11. Jinnota li għaddew sentejn minn meta nqatlet il-ġurnalista indipendenti Russa, Anna Politkovskaya, li saret simbolu għal-liberta tal-istampa; ifakkar lill-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2006 u jagħti għieħ lill-kuraġġ u lill-ħidma ta' dan is-simbolu tal-onestà u l-kuxjenzjożità, li l-ħidma tul ħajjitha teħtieġ appoġġ u rikonnoxximent kontinwu;
12. Jesprimi l-biża' tiegħu li l-ġuri jinsab miftuħ biss għal għadd limitat ta' ġurnalisti u mhux miftuħ għall-ġurnalisti televiżivi; jistieden lill-qorti biex tosserva bis-sħiħ id-deċiżjoni tal-ġurija u tiftaħ il-proċedimenti għall-ġurnalisti u l-midja kollha; jistenna li l-qorti tistħarreġ

mhux biss dwar min ikkommetta u assista fid-delitt ta' Anna Politkovskaya, imma wkoll dwar min ordnah;

13. Jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif fl-2006 tal-punt fokali tal-ODIHR għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jimmonitorja l-qagħda tad-difensuri fl-OSCE kollha; jinkoraġġixxi bil-qawwa lill-istituzzjonijiet tal-UE biex iqiegħdu fil-prattika l-appoġġ tagħhom għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem billi jwaqqfu punt fokali għad-difensuri fit-tliet istituzzjonijiet sabiex titjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tagħhom mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u Ewropej;
14. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward l-abbużi kontinwi u mxerrda kontra s-soldati fil-forzi armati Russi u jistieden lill-awtoritajiet Russi biex jistħarrġu u jipproċedu kontra min hu responsabbli u sabiex jeqirdu l-prattiki abbużivi fil-forzi armati u juru determinazzjoni biex jimmodernizzaw il-kultura aċċettata tal-mument;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvern u lill-parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-OSCE u lill-Kunsill tal-Ewropa.